**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Lulju, 2020**

**Talba Nru: 329/2019PM1**

**Worldwide Company Ltd (C6622)**

**Vs**

**Setra Trading Ltd (C54963)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hamsa u ghoxrin (25) t'Ottubru, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma attrici l-ammont ta' €1,714.25 dovuti in konnessjoni mal-bejgh ta' diversi prodotti lis-socjeta` konvenuta u xogholijiet ta' riparazzjoni ta' apparat liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet ; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 511/19 tal-10 ta' Gunju, 2019 u l-ispejjez ancillari inkluzi tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-gazzetti u l-imghax kummercjali dekorribbli mid-data ta' kull fattura (annessi mal-avviz u mmarkati kollettivament bhala Dok. JDA) kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra l-fatturi annessi mal-avviz tat-talba u ezebiti in atti minn fol. 2 sa fol. 14 tal-process.

Ra li s-socjeta` konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduta tat-8 ta’ Lulju, 2020 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 ta’ Lulju, 2020 u fil-fatt is-socjeta konvenuta ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-fatturi relattivi ezebiti in atti. Tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet huma socjetajiet kummercjali l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru, kif mitlub, mid-dati tal-fatturi rispettivi a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elf, seba’ mija u erbatax-il euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€1,714.25) dovuti in konnessjoni mal-bejgh ta’ diversi prodotti lis-socjeta` konvenuta u xogholijiet ta’ riparazzjoni ta’ apparat bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 511/19 tal-10 ta’ Gunju, 2019 inkluzi l-ispejjez tan-notifika tal-istess kif mitlub u bl-imghax kummercjali dekorribbli mid-data ta’ kull fattura kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**